**75. Il-Prim Ministru l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din il-mozzjoni:**

Billi s-subartikolu (ii) tal-artiklu 12 tal-Ordinanza tal-1947 dwar il-Kostituzzjoni tal-Università Rjali ta' Malta jipprovdi illi s-setgħat u d-dmirijiet tal-Kummissjonarji tal-Università Rjali ta' Malta jibqgħu jseħħu għal erbà snin, liema żmien jista' jiġi mġedded minn sena għal sena b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

U billi s-setgħat u d-dmirijiet imsemmija ġew imġedda sas-27 ta' Diċembru 1971 bis-saħħa ta' Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati tal-21 ta' Diċembru, 1970;

Tirriżolvi, għall-finijiet tas-subartikolu (ii) tal-artikolu 12 tal-Ordinanza tal-1947 dwar il-Kostituzzjoni tal-Università ta' Malta, illi s-setgħat u d-dmirijiet tal-Kummissjonarji tal-Università Rjali, li kieku jispiċċaw fis-27 ta' Diċembru, 1971, għandhom ikomplu fis-seħħ għal żmien ieħor ta' sena sas-27 ta' Diċembru, 1972.

**15.12.1971**